SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 39/K7/15**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 09/04/'15** **322**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 09/04/'15** **377**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 18/12/'14** **20**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 9 t'April 2015.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-10.30 a.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsillier Richard Scicluna

Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech

1.04 Skużati:- (1) Il-Kunsillier Alex Grech (inc.ref. 1692)

1.05 Assenti:- (1) Il-Kunsillera Rita Dimech Portelli

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0)

1.07 Kienu prezenti l-Awditur, is-Sur Tino Riolo u Ms. Johanna Caruana bhala rapprezentanza tal-JCA Ltd.

1.08 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

1.09 Qabel bdiet il-laqgħa s-Sindku rringrazzja lill-Kunsill għall-ħidma tagħhom matul il-legislatura u awgura x-xewqat sbih lill-kullhadd.

1.10 Dawn ir-ringrazjamenti ġew irriciprokati mill-Kunsilliera kollha.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fis-6 t'April 2015. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Audited Financial Statements
4. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
5. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
6. Aggornament tal-Laqgha

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċerman ressaq il-Minuti 38/K7/15 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Anthony Grech ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.03 Il-Kunsillier Charles Camenzuli ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.4 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville**

1.4.01 Peress li l-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Paceville ser issir nhar it-Tlieta 28 t'April 2015 ma kienx hemm minuti biex japprova l-Kunsill.

1.4.02 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss item 3 qabel item 2.

1.4.03 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

***3 Audited Financial Statements***

3.01 Il-Kunsill ġie pprężentat bl-*Audited Financial Statements* (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Is-Sur Tino Riolo ta spjegazzjoni tal-*Audited Financial Statements.*

3.03 Il-Kunsillier Anthnoy Grech ippropona l-approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements.*

3.04 Il-Viċi-Sindku Charles Camenzuli ssekondah.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.06 Iċ-Ċermen irringrazzja lis-Sur Tino Riolo kif ukoll is-Sinjura Johanna Caruana għax-xogħol li sar.

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

1620, 1623 & 1624 Talbiet mingħand Is-Sur Sean Fitz għall-*barriers* f'San Giljan.

1678 Ittra mingħand l-Għaqda Ġostra b'talba biex isir post mal-ġenb tal-moll biex ikunu jistgħu jistorjaw l-arblu tal-ġostra.

1679 Korrispondenza dwar il-konferenza tal-ECAD.

1692 Email mingħand il-Kunsillier Alexander Grech b'konnessjoni ma' l-attendenza tal-laqgħa t'April 2015.

1730 Korrispondenza b'konnessjoni mal-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid.

K347 Korrispondenza lil-Polidano Brothers b'konnessjoni mal-hsarat fi Triq Mikel'Angelo Cagiano li tagħmel parti mill-PPP.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. 1620, 1623, 1624 & 1747**

2.02 Saret riferenza għat-talba mingħand is-Sur Sean Fitz biex jinstalla advertising *barriers* fuq il-bankina kif gej:

a) 09 ta' 1m$^2$ fi Triq Santu Wistin

b) 11 ta' 1 $m^2$ lx-xatt ta' San Ġorġ
c) 01 akbar minn $2m^2$ fuq il-bankina quddiem il-latrina fi Triq Gorg Borg Olivier (ara rittratt mehmuz)
d) 01 ta' $2m^2$ fuq il-bankina fi Triq San Ġorġ quddiem l-istage ta' faċċata l-monument tal-LOVE.
e) 15 ta' m2 ma' tul il-railing li hemm fi Triq il-Kbira il-parti li tagħti għal-Triq Gorg Borg Olivier

2.03 Il-Kunsill gie nfurmat li s-Sur Fitz lest li jnaddaf u jisboħ l-area indikata fir-ritratt mehmuz.

2.04 Ġie deċiż unanimament li jinħarġu l-permessi meħtiega skont il-Bye-Laws u li l-area indikata titnaddaf u tinsebaħ regolarment.

2.05 Ġie deċiż li ma dawn il-barriers indikati ssir żieda ta' oħrajn fl-inhawi tal-Pizza Hut u man-naħa tad-Dick's Bar.

2.06 Issir talba lit-Transport Malta biex il-*crash barrier* li kien hemm quddiem id-Dick's Bar fi Triq San Ġorġ kantuniera ma' Triq Spinola terġa' ssir peress li din nqalgħat wara inċident.

**Rif. Nru. 1678**

2.07 B'riferenza ghal ittra mingħand l-Għaqda Ġostra b'talba biex isir post mal-ġenb tal-moll biex ikunu jistgħu jistorjaw l-arblu tal-ġostra ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li jkollu l-permessi kollha meħtieġa.

**Rif. Nru. 1679**

2.08 B'riferenza għall-korrispondenza dwar il-konferenza tal-ECAD, li din is-sena ser issir Malta. Ġie deċiż unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv tattendi għal din il-konferenza.

**Rif. Nru. 1692**

2.09 B'riferenza għall-korrispondenza mingħand il-Kunsillier Alexander Grech ġie deċiż unanimament li jiġi skużat.

**Rif. Nru 1730**

2.10 Inġibed għal attenzjoni tal-Kunsill il-korrispondenza b'konnessjoni mal-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid.

2.11 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li kkomunikat verbalment mas-Sur Pio Farrugia, mid-DLG, u jirrizulta li:-

a) jridu d-dokument iffirmat mill-membri tal-Bord kif tqassmu l-punti fuq l-kriterji kollha, fejn nhareg il-persentagg.

b) Iridu d-dokument li juri l-ismijiet ta' dawk li gew shortlisted.

c) Li dawk kollha li kienu eleġibli kellhom jissejhu għal-intervview.

d) jigi ggustifikat jekk ma sarx dan.

2.12 Ġie deċiż unanimament li l-Bord ta' l-Ghazla ħass li kellu jagħmel intervista ma' dawk li kellhom l-aktar esperjenza f'Kunsilli Lokali u l-kriterji neċċessarji.

**Rif. Nru. K0347**

2.13 Il-Kunsill gie nfurmat bil-korrispondenza li ntbagħatet lil Polidano Brothers b'konnessjoni mal-ħsarat fi Triq Mikel'Angelo Cagiano li tagħmel parti mill-PPP.

2.14 Ġie deċiż unanimament li qabel isir ix-xogħolijiet, il-Kunsill mhux ser joħroġ il-pagament li jmiss.

**4. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.**

4.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

4.02 B'riferenza ghal-Jum il-Lokal, ic-Cermen gibed l-attenzjoni li kien hemm spiza addizjonali ta' € 180.00. Dawn imqasma €80.00 ghal *compere* u € 100.00 biex tqedghet *back drop* wara l-palk.

4.03 Il-Kunsillier Anthony Grech ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

4.04 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

4.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.06 Ġie deċiż unanimament li l-pagamenti sa' l-aħħar t'April jibqgħu jinħarġu dment li x-xogħolijiet jiġu ċċertifikati.

**5. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets Nru. sa Nru. (Ara Appendiċi 'C').

5.02 Gie deċiz unanimament li tiġi rranġata l-bankina fi Triq Patrick Brydone quddiem ir-residenza tas-Sur Noel Zammit.

5.03 Il-Kunsillier Anthony Grech ippropona l-approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets minn Nru.3704 sa Nru. 3708

5.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6. Aggornament tal-Laqgha**

6.01 Gie deciz unanimament li l-laqgħa tigi aġġornata għal aktar tard illum il-Hamis 9 ta' April 2015 fin-12.30p.m.

6.02 Il-laqgħa ntemmet fl-11.45a.m.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**